**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** — **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (15)



Tiġrija tal-Frejgatini fis-snin 50

Il-ġimgħa l-oħra ħadt xi siltiet mill-intervista li kont għamilt lill-ħabib tiegħi Anton Cassar, ex-president tal-club tal-Marsa dwar is-sehem tiegħu fir-Regatta Nazzjonali. Inkomplu fejn ħallejna l-ġimgħa l-oħra....

Il-Malti jgħid li "il-paraguni huma oddjużi", iżda jien ma naqbilx ma dan il-proverbju għax nemmen, jekk il-paragun tagħmlu konxenzjożament dan iqegħdek f'postok.

*Anton, peress li tiftakar tajjeb it-tiġrijiet ta' wara l-gwerra, tas-snin 50 u 60 se nagħmillek tliet mistoqsijiet … kif tipparaguna ż-żewġ żminijiet? … taħseb li t-tiġrijiet ta' dawk iż-żminijiet kienu isbaħ, u l-pika u r-rivalitá fost il-qaddiefa rivali kienet aktar tinħass waqt kull tiġrija? … l-atmosfera fil-Port Il-Kbir kienet għadha eċċitanti u brijuża daqs kemm kienet qabel il-gwerra?...*

"Iva … kien żmien fejn dan kollu li semmejt kif jidher u jinħass sewwa f'kull edizzjoni tar-Regatta … dwar l-atmosfera fil-Port il-Kbir waqt ir-Regatta kienet sabiħa wisq … iżda kif jiġri dejjem, meta naqsu l-barklori l-affarijiet inbidlu u ntilfu l-prinċipji … il-flus daħlu f'kollox."

*Fiż-żmien li int kont president tal-club tal-Marsa kontu tagħtu flus lill-qaddiefa?*

"Iva … fi żmieni konna diġá bdejna nagħtu flus … niftakar il-kaxxier li kellna, Spiru Xerri, li kien jaħdem it-tarzna, qalli li biex nagħmlu sistema ta' ħlas, u lill-qaddiefa ngħidulhom kemm huwa l-ħlas min jiġi l-ewwel, it-tieni u t-tielet – u dawn il-flus li konna nagħtuhom, kienu flus barra l-flus tal-palju.

"Il-Marsa kellha diversi problemi, iżda kellha waħda li ma nafx jekk kinitx teżisti l-Isla, Bormla, Marsamxett u l-Birgu ...

"Aħna l-Menqa kellna skall kbir, u meta l-gvern ħa nofs il-Menqa biex fiha jagħmel il-faħam, l-iskall tagħna fejn kellna l-maħżen tar-Regatta spiċċa, u ma kellniex minn fejn innizżlu d-dgħajjes …"

*Bħala qaddiefa - kif tipparaguna l-barklori mad-dilettanti li għandna l-lum ?*

"Fiż-żmieni il-qaddiefa tal-Marsa kienu kollha barklori … il-qaddiefa tal-lum jaqbdu l-moqdief għat-tiġrija, iżda qabel le, xogħlhom kien bid-dgħajsa l-ġurnata kollha … dari niftakar lil Ġuġġa, lil Baldakiniet, l-aħwa Camillieri u oħrajn – kollha barklori …"

*Kif taf fi żmienna għandna tużżana qaddiefa, illum jirreġistraw ma' distrett u sena, sentejn wara jirreġistrawlek ma' distrett ieħor … ma taħsibx li b'din is-sistema, ir-Regatta qed titlef is-sabiħ tagħha?*

"… għidli … xi trid tagħmel … illum il-qaddiefa jmorru mad-distrett li kapaċi jħallas . il-qaddiefa kollha jagħmluha … ma tistax twaqqafhom … ovvjament dak id-distrett li jkollu l-aktar flus ikun jista' jarma aħjar u b'ċans kbir li jirbaħ ix-Shield.

"Anke l-ispejjeż biex tibni dgħajsa żdiedu .. bejn wieħed u ieħor fl-1988 dgħajsa kienet tqum Lm600, illum tiswa l-eluf … u sintendi l-opri żgħar ukoll …"

*Anton, fiż-żmien li int kont president tal-club tal-Marsa, x'relazzjoni kellek mal-bennejja tad-dgħajjes?*

"Neriku ma ġiex fi żmieni, iżda llum magħruf bħala l-bennej tad-dgħajjes u l-opri tal-Marsa, iżda fi żmieni kien hemm Ġużeppi Cassar (Bengala) li kien joqgħod ir-Raħal Ġdid iżda l-maħżen tiegħu kien f'Bormla u Pule … ġieli li mort man-nies tagħna għandu, u niftakar, li meta konna nordnaw dgħajsa ġdida wieħed minn sħabi jgħidu – Ġuż, id-dgħajsa tiegħek se ġġerri ma' ta' Pulé .. ovvjament kien jgħidlu hekk biex jagħmlilna waħda aħjar …

*L-ewwel club li kellhom kien taħt fejn illum hemm il-Lombus … wara mortu f'post ieħor - ħafna dilettanti jqisuh bħala l-isbaħ club tar-Regatta. Veru?*

"Iva … sewwa qed tgħid. Illum il-club Marsi jinsab ħdejn tal-Patata, barra d-dgħajjes, Frejgatini u Kajjikki, hu mgħammar ukoll b'tagħmir għat-training fiżiku tal-qaddiefa.

"Dan it-tagħmir kien tagħhulhom Frankie Grima, li kien qaddief mal-Marsa u mal-Belt."

F'nofs is-snin 70 iltqajt ma' Żaren Delceppo minn Bormla - qaddief veteran li fis-snin 30 kien wieħed mill-protagonisti tas-suċċessi Bormliżi fir-Regatta Nazzjonali. Lil Żaren kont iltqajt miegħu f'ras it-tarġ ta' Strada Buongiorno llum Triq Matty Grima: Fl-ewwel mistoqsija tiegħi tlabtu jgħidli x'kienu jgħidu x-xjuħ Bormliżi dwar is-sehem tagħhom fir-Regatta. Qalli hekk:

"Jien niftakar lil missieri jgħid li Bormla minn dejjem kienet armata tajjeb u li fid-daħla ta' dan is-seklu (is-seklu 20) l-ekwipaġġi tagħna kienu l-aħjar qaddiefa li kien hawn fil-Port.

"Madankollu, meta missieri kien jgħid hekk, ma naħsibx li hu pprova jnaqqas xi mertu liż-żewġ distretti ġirien tagħna l-Isla u l-Birgu għax dawn ukoll kellhom ekwipaġġi tajba.

"Nismagħhom jgħidu li fir-rekords tad-Dwana hemm imniżżel li dawn iż-żewġ distretti rebħu diversi paljijiet fl-istess epoka u għalhekk biex rebħuhom bilfors kellhom f'konfrontazzjoni diretta mal-ekwipaġġi tagħna, u ma' dak tad-distrett ta' Marsamxett li kien ippikkat ħafna magħna ..."

*Xi ħadd qalli li fis-snin 30 int qdift fil-Kajjikki Fancy … jgħidu li dawn il-Kajjiki kienu ħfief ħafna …veru?...*

"Iva … meta kont għadni żagħżugħ qdift fil-Kajjikki t-Twal, li kif għedt int kienu magħrufin bħala l-Kajjikki 'Fancy' għax kienu ħfief daqs dgħajsa tal-Midalji.

"Diżgrazzjatament dawn il-Kajjikkillum m'għadhomx jeżistu. Tagħna kienu tkissru fil-gwerra u jingħad li tad-distretti l-oħra messithom l-istess xorti.

"Dawn il-Kajjikki kienu l-opri sbieħ ħafna - kienu jixbħu ħafna lid-dgħajsa tal-Midalji - ħfief bħalha, twal madwar 18-il pied, iżda l-warrani tagħhom kien jingħalaq bħal ta' Frejgatina.

"L-ekwipaġġ tagħhom kien ikun ta' erba' qaddiefa, bl-ewwel tliet qaddiefa jaqdfu bilqiegħda u r-raba' wieħed jaqdef bilwieqfa għalkemm minn fuq il-moll taħsbu li qed jaqdef għarkubbtejh. Sħabi li kienu qadfu miegħi fil-Kajjikk Sant'Elija kienu ħija Leli, Wiġi Grima (il-Paċok) u Wiġi Scicluna (il-Muna).

*Imma int qdift ukoll fl-opri l-kbar … hux hekk?*

"Iva … fis-snin tletin jien qdift kemm f'tal-Midalji kif ukoll f'ta' bl-Erbgħa u kellna suċċessi wkoll.

"Dak iż-żmien niftakar li Bormla rebħet il-paljijiet kollha u konna għamilna festi kbar.

"It-tiġrijiet tal-lum huma sbieħ, iżda naċċertak li ta' tfuliti kienu isbaħ u aktar akkaniti. Dak iż-żmien ma kienx hemm ix-Shield. Kulħadd kien jaqdef għal palju tal-korsa, u għal ftit xelini li kienu jingħataw bħala premju.

"Għalina l-unur ta' Bormla kien jiġi l-ewwel, u ħaġa oħra, il-qaddiefa kollha kienu jkunu Bormliżi … ħadd ma kien jieħu xejn!

*ikompli f'ħarġa oħra*